**5 ta' Diċembru, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

L-Aġent Direttur tal-Portijiet

*versus*

L-Avukat Dr. John Mamo bħala mandatarju speċjali ta' Roadways Transport Limited, soċjetà reġistrata Limassol, Ċipru

**Prokura - Mandat - Rappreżentanza Ġudizzjarja - Artikolu 1967 tal-Kodiċi Ċivili - Leġittimu Kontradittur**

*Ġiet miċħuda eċċezzjoni preliminari illi l-avukat konvenut* nomine *ma kellux il-mandat sabiex jirrappreżenta lill-konvenut ġudizzjarjament u għalhekk ma kienx il-leġittimu kontradittur.*

Il-Qorti:-

L-attur f'din il-kawża qed jallega li, b'digriet tas-16 ta' Mejju, 1984, din il-Qorti, fuq talba ta' l-attur, ordnat il-bejgħ bl-irkant tal-bastiment m.v. Ioanna I b'erbgħa u tletin *containers*, li b'digriet ulterjuri ta' l-24 ta' Ottubru, 1984, din il-Qorti ffissat il-jum tat-Tlieta, 13 ta' Novembru, 1984, għall-bejgħ bl-irkant ta' l-istess bastiment u *containers* u dan id-digriet ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Novembru, 1984, b'avviż numru 635, li lejliet id-data tas-subbasta msemmija, u ċjoè fit-12 ta' Novembru, 1984, l-attur ġie nnotifikat bi protest ġudizzjarju tal-konvenut *nomine*, fejn allega li 27 mil-34 *containers* fuq il-bastiment imsemmi huma proprjetà tiegħu u mhux tal-bastiment; li kif irċieva dak il-protest, l-attur talab lill-konvenut *nomine* biex ineħħi minn fuq il-bastiment m.v. Ioanna I is-27 *container* tiegħu, iżda dan ma għamel xejn. Li minħabba li l-konvenut ma neħħiex il-*containers* tiegħu minn fuq il-vapur, l-attur kien kostrett jissospendi l-irkant tal-bastiment Ioanna I u ta' l-34 *container* imsemmija, li l-attur għandu interess li l-bastiment imsemmi jinbiegħ fl-iqsar żmien possibbli peress li qiegħed f'perikolu li jegħreq minn mument għall-ieħor b'dannu serju għan-navigazzjoni fil-port. Għalhekk l-attur kellu jistitwixxi din il-kawża biex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut *nomine* biex dan, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti, jiżgombra minn fuq il-bastiment imsemmi, bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' l-iżbank, trasport u magażżinaġġ ta' l-istess *containers*, a kariku tal-konvenut *nomine*;

Din il-Qorti, bid-digriet tagħha ta' l-20 ta' Novembru, 1984, laqgħet it-talba ta' l-attur u ordnat is-smiegħ tal-kawża msemmija bl-urġenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini legali u appuntat l-istess smiegħ tal-kawża għal dakinhar stess, li nġib quddiem ir-rikors bit-talba għall-urġenza għall-4.30 p.m.;

Fis-seduta ta' dakinhar stess fl-4.30 p.m. dehru l-partijiet u Dr. John Mamo ddikjara li hu m'għandux il-mandat għall-fini

ta' din il-kawża għal Roadways Transport Co. Ltd., però, talab differiment qabel ma jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet biex hu jkun jista' jikkomunika ma' l-istess soċjetà biex jaraw iridux jagħtu l-inkariku lilu billi jtuħ dan il-mandat ta' inkariku. Huwa rriserva li jagħti l-eċċezzjoni tiegħu skond l-eżitu tad-diskussjonijiet bejnu u s-soċjetà konvenuta. Dr. Peter Grech, għall-attur, ma opponiex għad-differiment u rrikonoxxa l-fatt li, billi l-kawża ġiet appuntata bl-urġenza għal dakinhar filgħaxija, Dr. John Mamo għadu ma kienx f'posizzjoni li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu dak il-ħin filgħaxija. Għalhekk il-kawża ġiet iddifferita għas-26 ta' Novembru, 1984 fl-10.30 a.m. F'din is-seduta ġiet ippreżentata n-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Bin-nota tiegħu ta' l-eċċezzjonijiet tas-26 ta' Novembru, 1984, l-avukat Dr. John Mamo *nomine*, eċċepixxa li huwa mhux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż, billi hu ma għandux mandat mingħand il-kumpannija konvenuta biex jirrappreżentaha f'din il-kawża. Dan kollu qed jingħad għall-finijiet ta' sekwenza;

L-attur esebixxa, b'nota, kopja uffiċjali ta' *affidavit* meħud mill-proċess fil-Qorti tal-Kummerċ, Ċit. nru. 285/81/CC, fl-ismijiet **Av. Dr. John Mamo *noe vs* Kap. Joannes Fratious *sive* Jonnes Fratzias *noe*.** Din il-kawża ġiet deċiża fil-31 ta' Lulju, 1984. Dan l-*affidavit* jew prokura, iffirmat u awtorizzat mid-*District Court* ta' Limassol, Ċipru, fis-16 ta' Marzu, 1981. Skond din il-prokura hemm: "*we hereby appoint Mr. John Mamo as our special mandatory empowering him to do and perform whatever may be necessary or expedient to enable the said company to recover from any person or persons and or company or companies and or vessel or vessels any debt or other property or thing whatsoever which may be due to belong to the said company for any cause whatsoever*". Fil-paragrafu tas-

segwenti nsibu li: "*without prejudice to the generality of the foregoing we authorise our said mandatory to institute in Malta on behalf of our company any legal proceedings including precautionary proceedings against any such person or persons, company or companies, vessel or vessels and or as aforesaid and or against any vessel or thing and or money belonging to the above and or any one of the above persons, companies, vessel and or otherwise and or which is and or are otherwise liable in respect of any claim and or claims of the company*". Fi ftit kliem, is-soċjetà Roadways Transport Limited, kumpannija Ċiprijotta, tat prokura speċjali lill-imsemmi avukat Dr. John Mamo biex dan ikun jista' jiġbor mingħand kwalunkwe persuna u/jew soċjetà, kwalunkwe debitu jew proprjetà dovuta lilu u għal dan il-għan tatu l-poteri kollha meħtieġa. Fost dawn il-poteri l-istess soċjetà tatu l-fakultà li jistitwixxi u jirrappreżentaha fi proċeduri legali kontrih. L-istess persuni, kumpanniji u/jew vapuri f'Malta u anke li jippreżenta għan-nom tagħha xi atti kawtelatorji;

L-istess avukat Dr. John Mamo, in forza tal-prokura, aktar 'il fuq imsemmija, fis-27 ta' Marzu, istitwixxa kawża għan-nom u fl-interess tas-soċjetà Roadways Transport Limited kontra Kaptan Joannes Fratzious bħala Kaptan tal-bastiment m.v. "Aikaterini Str" li kienet ġiet sussegwentement deċiża fil-31 ta' Lulju, 1984. Fil-kors tal-kawża fuq imsemmija u speċifikatament fit-13 ta' Mejju, 1982, ġiet ippreżentata nota ta' Michalakis Antoniades, fil-kwalità tiegħu ta' *managing director* tal-kumpannija attriċi Roadways Transport Limited. B'din in-nota jirriżulta li deher personalment il-*managing director* tal-kumpannija *de quo* u assuma l-atti tal-kawża fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija. B'hekk ġie li, billi l-kumpannija kienet rappreżentata f'Malta bil-*managing director* tagħha, ma kienx hemm għalfejn tibqa' aktar rappreżentata mill-mandatarju tagħha, l-avukat Dr. John Mamo. Dan l-istat ta' fatt però, ma għandux b'ebda mod jittieħed bħala li l-mandat, li kopja tiegħu

tinsab esebita fil-proċess, ġie b'hekk revokat. Għandu jitqies biss li, billi l-kumpannija kienet legalment rappreżentata, ma kienx hemm lok li jirrappreżentaha l-avukat Dr. John Mamo, li kellu fil-fatt prokura biex ikun jista' (bħalma għamel qabel), jagħmel hekk. L-istess avukat Dr. John Mamo, fil-fatt, apparti li kien istitwixxa l-azzjoni msemmija, kien talab u ottjena, għannom ta' l-istess kumpannija, il-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment, fl-14 ta' Marzu, 1981 (nru. 217/81 u 216/81), kif ukoll mandat ta' inibizzjoni (nru. 223/81) tat-18 ta' Marzu, 1981, kontra l-Kaptan Fratzious. Il-vapur kontra min saret il-kawża fuq imsemmija kien jismu għall-ewwel "Ekatarini Str.". Dan l-isem sussegwentement ġie mibdul f'Joanna I. It-tieni domanda fiċ-ċitazzjoni preċitata kienet tikkonċerna s-27 *container* involuti u li għandhom x'jaqsmu ma' din il-kawża;

Mix-xhieda ta' l-attur Anthony Mangion, l-Aġent Direttur tal-Port, li ma tidhirx b'ebda mod kontradetta mill-konvenut, jirriżulta li hu kellu jieħu, mingħand il-vapur, is-somma ta' Lm11,300 bħala *port dues*, liema somma baqgħet tiżdied b'rata ta' Lm60 fil-ġimgħa. Huwa ħa passi biex dan il-vapur in kwistjoni jiġi mibjugħ fis-subbasta biex mir-rikavat l-attur jieħu dak li kien dovut lilu. Id-data tas-subbasta ġiet ukoll iffissata fit-13 ta' Novembru, 1984. Fit-12 ta' Novembru, 1984, però, l-avukat Dr. John Mamo, bħala mandatarju speċjali ta' Roadways Transport Limited, in forza tal-prokura, li kopja uffiċjali tagħha ġiet esebita fil-proċess, ippreżenta protest kontra d-Direttur tal-Portijiet, fejn iddifidah milli jkompli jinsisti għall-bejgħ bl-irkant in kwistjoni, billi s-subbasta ntalbet għall-bejgħ tal-vapur *de quo*, bis-27 *container* proprjetà tal-mandanti tiegħu. In segwitu tal-protest, l-Aġent Direttur tal-Portijiet, ippresenta nota li biha ssospenda l-atti tas-subbasta. L-istess attur xehed ukoll li f'mument minnhom kien ġie avviċinat minn Dr. Muscat, li jaħdem fl-uffiċċju ta' l-avukat Dr. John Mamo, u kien infurmah li l-*owners* tal-*containers* kienu nteressati fil-bejgħ tal-vapur bis-subbasta. Qallu ukoll li n-*notice* kienet *short* wisq

u li ma kellhomx *chance* jiġu Malta hekk malajr u li l-klijenti tagħhom kien jinteressahom li jekk jixtru l-vapur bis-subbasta ser ikollhom il-*containers* tagħhom diġà fuq il-vapur u kwindi, għalhekk, ma kienx hemm lok li jinħattu minn abbord;

Sa dan il-mument l-attur xehed li ħadd milli kien qed jitkellem għan-nom tar-Roadways Transport Limited ma kien qed jgħidlu li l-avukat Dr. John Mamo ma kienx għadu mandatarju ta' l-istess soċjetà. L-istess Dr. John Mamo *noe*, f'Settembru, 1984, wara li kienu ġà bdew il-proċeduri tas-subbasta, kien kiteb lill-attur biex jara x'*port dues* kien hemm. Hu kiteb f'isem klijenti li f'isimhom kien ħareġ l-impediment tal-partenza kontra l-vapur *de quo*. Il-mandati maħruġa f'isem l-avukat Mamo, fil-kwalità tiegħu premessa, baqgħu jiġu prorogati fl-istess ismijiet u jinsabu hekk prorogati sa Marzu, 1985. Dan ifisser li, in forza ta' l-istess affidavit, il-konvenut għadu jaġixxi bħala mandatarju tal-kumpannija Roadways Transport Limited;

Il-mandat jew prokura hu kuntratt li bih persuna tagħti lill-persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha. Dan il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaċċettax il-mandat. Din l-aċċettazzjoni tal-mandatarju tista' tkun taċita u tista' tidher mill-fatt stess. Infatti, fil-kwistjoni in eżami, jirriżulta, kuntrarjament għal dak allegat mill-konvenut, li hu aċċetta l-mandat, mogħti lilu bl-affidavit esebit, mhux biss aċċettah u użah biex jistitwixxi l-kawża aktar 'il fuq imsemmija, iżda baqa' użah meta kiteb lill-attur, meta għamel il-protest u ħareġ il-mandat ta' impediment imsemmija u baqa' jipproroga l-mandati msemmija li jinsabu prorogati sa Marzu, 1985. Kif sewwa rrileva l-attur, fin-nota ta' osservazzjonijiet, skond l-artikolu 1967 (2) tal-Kodiċi Ċivili, il-mandatarju jista' ukoll, bis-setgħa hemm imsemmija, ikun konvenut f'isem il-mandant tiegħu f'kawżi li għandhom x'jaqsmu ma' l-affari li tidħol fil-mandat. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza ukoll għall-

ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' osservazzjoni ta' l-attur;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut *nomine* li huwa mhux il-leġittimu kontradittur;

L-ispejjeż inkorsi in konnessjoni ma' din id-deċiżjoni jibqgħu riservati sal-finali ġudizzju;

*Il-kawża tibqa' differita għas-sebgħa (7) ta' Jannar, 1985.*